# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (FIN. SERV.), LL.D.**

**ILLUM 27 ta' Marzu 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs.**

**Jan Rossi (ID 298487(M))**

<u>**Kawza Numru: 21/2022**</u>

**Il-Qorti**,

**Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat:**

**Jan Rossi**, bin Stephen Rossi u Anna Maria Rossi nee' Psaila, imwieled nhar it-3 ta' Lulju 1987, residenti gewwa Windsor Court, Flat 6, Triq il-Kartocc, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 298487(M) akkuzat talli:

***Nhar il-15 ta' Gunju 2021 u fil-gimghat u x-xhur precedenti gewwa dawn il-gzejjer Maltin:***

***B'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat (Art 18 Kap 9):***

1. ***Bhala sid il-kera jew amministratur tal-fond Windsor Court, Flat 8, Triq il-Kartocc Ta' l-Ibragg, Swieqi, bi ksur tal-ligijiet u regolamenti applikabbli, inti nqast li tirregistra l-kirja tal-imsemmi fond lil Ozlem Nazlican Tufan u Seda Barslan mal-Awtorita' tad-Djar. Art 22(1) Kap 604.***

***Ghaldaqstant il-Qorti hija mitluba bir-rispett tordna lill-hati, ai termini tal-Art 22(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex thallas il-penali skond il-ligi, ghar-ragunijiet fuq specifikati u cioe' multa ta' mhux inqas minn elfejn u hames mitt Ewro (€2500) u mhux aktar minn ghaxart elef ewro (10,000).***

**Rat il-verbali tas-seduti.**

**Rat l-atti proċesswali kollha.**

**Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru 2022 fejn l-imputat ammetta l-akkuza dedotta kontra tieghu.**

**Semghet lil Dr. Zammit ghall-Awtorita jiddikjara li in vista tal-ammissjoni tal-imputat fic-cirkostanzi l-Awtorita m'ghandhiex oggezzjoni li l-piena tkun fil-minimu u kif ukoll li l-imputat jinghata zmien ragjonevoli ghal hlas tal-multa.**

*IKKUNSIDRAT*

Illi in vista tal-ammissjoni tal-imputat u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma għandhiex toqgħod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, liema riżultanzi jikkonfortaw sufficjentement din l-ammissjoni, l-Qorti m'għandiex triq ohra ħlief li tgħaddi għad-dikjarazzjoni ta` ħtija skond l-ammissjoni tiegħu. Fir-rigward tal-piena din il-Qorti qed tqis l-ammisjoni tal-imputat fi stadju bikri tal-proċeduri u kif ukoll is-sottomissjoni tal-Awtorita li fic-cirkostanzi jimmerita piena fil-minimu.

**<u>KONKLUŻJONI</u>**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 22(1) tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) li b'applikazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn u ħamsin Euro (€250) fix-xahar, bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum.

**Moqrija.**

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**27 ta' Marzu 2023**